# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 536/16**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Samir Lofti Fahim Tadrous**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Samir Lotfi Fahim Tawdrous, li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 531295 (M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Settembru 2016 għall-ħabta ta' bejn is-7pm u 7.18pm f'dawn il-Ġżejjer Maltin;

1. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Enas Sobhy Zaky Attia Casha u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi uża xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma jkunx dak li jkun ġie fornut għalih jew ittraskura milli osserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriża għall-użu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella użah b'mod mhux kif imiss u dan bi ksur tal-artikolu 48(d) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni (a) hedded li ser jagħmel xi reat; (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontrih, jew immalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; (ċ) għamel użu mhux xieraq u dan bi ksur tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Naqas li josserva xi waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu minn ordni ta' protezzjoni liema ordni nħarġet b'sentenza definittiva datata 7 ta' Jannar 2016 mill-Onor. J.Demicoli LL.D fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurta' ta' Enas Casha għal perjodu ta' sena u dan bi ksur tal-artikolu 412C(4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u aktar kiser obbligazzjoni tiegħu nnifsu u cioe' li ma jkellimx u ma javviċinax jew idejjaq jew jivvessa lil Enas Sobhy Zaky Attia Casha liema obbligu ġie mogħti lilu mill-Qorti ta' Malta fil-21 ta' Jannar 2016 mill-Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D. u dan bi ksur tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2016 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-

ismijiet 'Il-Pulizija vs Samir Lofti Fahim Tawdrous' li biha l-Qorti ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni iżda sabitu ħati tar-raba' imputazzjoni u dan peress li kkomunika mal-parte civile bi ksur tal-garanzija datata 21 ta' Jannar 2016 maħruġa taħt l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ordnat li l-appellant iħallas is-somma ta' elf Euro (€1000) favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 387 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat r-rikors tal-appell intavolat mill-imputat fit-22 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu talab li din il-Qorti **tvarja** s-sentenza billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati lliberatu mill-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u **tikkanċellha** f'dik il-parti li sabet ħtija tar-raba' imputazzjoni u tilliberah minnha.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkonsidrat

1. Illi l-aggravji tal-imputat kwantu s-sejbien ta' htija fir-raba' imputazzjoni huma ta' natura legali kif ukoll dwar il-provi mressqa fejn, in succint, jghid li la darba ma nstabx hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet ma setghax jinstab hati tar-raba' wahda u li anke jekk dan mhux minnu, l-ewwel Qorti qatt ma setghet ssib htija a bazi ta' kopja fotostatika mhix awtentika ta' sentenza. Fi kwalunkwe kaz, messagg in bjank qatt ma jista' jaghti lok ghal sejbien ta' htija;

2. Mill-provi akkwiziti jemergi illi tezisti certu animozita' bejn il-partijiet tant li kienet tat lok ghal-proceduri kriminali precedenti li fihom l-imputat kien instab hati u kien ordnat ma jkellimx lill-kwerelanta. Gara izda, li l-kwerelanta lmentat minn vessament da parti tal-imputat konsistenti fi trasmissjoni ta' messaggi tramite it-telefon cellulari tieghu u ghalhekk inbdew l-proceduri odjerni kontra tieghu nkluz ghad-dizobidjenza fl-ordni ta' protezzjoni. L-ewwel Qorti ma sabitx htija fl-ewwel tlett imputazzjonijiet ghaliex il-messaggi kienu in bjank, ossia vojta, u ma kienx hemm it-theddid jew ingurji lamentat mill-kwerelanta. Minekjja dan, sabet htija fil-ksur tal-obligazzjoni maghmula fit-termini tal-artikolu 412C u 383 tal-Kodici Kriminali u ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta' €1000.00 favur il-Gvern ta' Malta. Dak l-ammont jirraprezenta penali li l-imputat obbliga ruhu li jhallas fit-termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9;

3. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, il-Qorti hi kostretta li tissolleva n-nullita tas-sentenza appellata ghas-segwenti raguni. Ir-raba' imputazzjoni tirraviza ksur tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u l-ewwel Qorti sabitu hati taghha. Issa skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, meta Qorti taghti sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom ikun instab hati, **taghti l-piena** u ssemmi l-artikolu tal-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. L-artikolu 412C (11) (kif vigenti fiz-zmien tal-kaz hawn skrutinat) imbaghad jipprovdi, ossia kien jipprovdi hekk:

> **412C (11) Jekk minghajr skuza ragonevoli l-akkuzat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taht dan l-artikolu, huwa jkun hati ta' reat u jista', meta jinstab hati jehel multa ta' elfejn u tliet mija u disgha u ghjoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) jew prigunerija ta' mhux izjed minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien.**

4. Issa, ghalkemm l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni ma tat l-ebda piena konsistenti f'multa jew prigunerija jew it-tnejn flimkien u minflok odnat il-hlas tal-garanzija maghmula a bazi tal-artikolu 383 tal-Kap 9. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dik tal-ewwel istanza naqset milli ssegwi formalita' essenzjali ghall-validita ta' sentenza fil-mankanza li teroga l-piena wara sejbien ta' htija u la darba ma kienx espressament provdut illi setghet tapplika sanzjoni ohra minflok il-piena. Ghal din ir-raguni s-sentenza appellata qed tkun dikjarata nulla u bla effett;

5. Illi skond l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid la darba n-nullita' mhix dwar kwistjoni ta' gurisdizzjoni. Din mhux l-uniku konsegwenza li ggib maghha n-nullita ta' sentenza meta hekk dikjarata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Infatti dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu, kif gia senjalat, li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita'; li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa <u>biss</u> dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma' u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara **Il-Pulizija vs Karmenu Attard** App Kri 28.4.1995) Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, jigifieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u

konsegwentement tista' zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]);

6. Illi l-ewwel osservanza tal-appellant dwar ir-raba' imputazzjoni hi li la darba kien liberat mill-ewwel tlett imputazzjonijiet kellu bhala konsegwenza jkun liberat ukoll mir-raba' wahda. L-appellant donnu qed jassimila r-raba' imputazzjoni mal-addebitu tar-recidiva fejn jekk imputat ikun liberat mill-imputazzjonijiet ma jistax jirrizulta fil-konfront tieghu dak l-addebitu. Dan ma huwiex il-kaz fil-kwistjoni odjerna ghaliex l-artikolu 412C (7) (illum subinciz (11) ) jipotizza bhala reat *per se* l-ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni. Dan ir-reat jista' jissussisti b'mod awtonomu mir-reati l-ohra u l-prosekuzzjoni setghet xliet lill-imputat b'dan ir-reat wiehed minghajr il-htiega li tabbina mieghu reati ohra; Naturalment umbaghad soggett ghall-provi skont kull imputazzjoni ohra.

7. Ir-ragunament tal-appellant ma huwiex wiehed fierah u jisthoqq li jkun debitament konsiderat. Pero' jibqa' l-fatt illi minkejja li kien liberat mill-imputazzjonijiet ta' insulti, theddid u ingurji, kif ukoll ta' uzu hazin ta' apparat ta' komunikazzjoni, irid xorta wahda jkun mistharreg jekk l-allegata azzjoni tal-imputat, igifieri, li jibghat messaggi in bjank lill-kwerelanta jammontax ghall-ksur tal-kundizzjoni mposta bl-artikolu 412C u 383 tal-Kapitolu 9;

8. Mill-atti processwali u senjatament mid-deposizzjoni tal-kwerelanti jemergi illi l-appellant kien bghatilha tlett messaggi (sms) vojta meta dan kien marbut b'ordni tal-Qorti sabiex izomm il-kwiet bejniethom. U dan fl-isfond ta' proceduri ohra bejniethom dwar vjolenza u swat. Jirrizulta ukoll mid-deposizzjoni tas-*service* provider li l-kwerelanta verament irceviet messaggi fid-data u l-hin minnha lamentati. Illi

ghalhekk tirrizulta komunikazzjoni diretta mill-imputat lejn il-kwerelanta, komunikazzjoni ta' tip kodarda intiza biex tivvessa u ddejjaq konsistenti f'messaggi in bjank liema tip ta' komunikazzjoni tista' ukoll twassal ghall-biza' u torment kif ssugeriet l-istess kwerelanta;

9. Minn l-aspett appena ezaminat, tirrizulta b'mod inkonfutabbli komunikazzjoni minn naha tal-appellant "minghajr skuza ragonevoli" skont l-artikolu 412C (7) tal-Kodici Kriminali vigenti fl-2016. Isegwi issa li jkun ezaminat x'kien id-divjet ordnat mill-Qorti tal-Magistrati meta ordnat l-applikazzjoni tal-artikolu 412C f'kawza u l-artikolu 383 f'kawza ohra. U hawnhekk il-Qorti trid taghti piz ghall-agravju, issa sottomissjoni, tal-appellant meta jallega illi semplici kopja fotostatika ta' dawn l-ordnijiet ma jaghmlux prova fl-awla kiminali;

10. L-ordnijiet mahruga taht l-artikolu 412C u 383 huma kwistjonijiet serji hafna intizi biex joffru protezzjoni ghall-persuna u ma jistghux jittiehdu b'mod legger, altrimenti jiswew biss il-karta li fuqhom jinkitbu. Daqstant iehor izda, hija kwistjoni serja n-natura tal-prova f'allegazzjoni ta' ksur ta' ordni konsimili. Fl-atti processwali hawn skrutinati, kienu esebiti kopji fotostatici ta' dawn l-ordnijiet u dan jaghti ragun lill-appellant ghaliex dawn ma jikwalifikawx bhala prova la darba ma humiex awtentikati skond il-ligi. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Concetta Charles tas-27 ta' Lulju 2012 citata ricentement mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha il-Pulizija vs Christian Demanuele tal-10 t'Awwissu, 2017;

11. F'din l-ahhar sentenza, il-Qorti tal-Magistrati spjegat hekk:

Illi jibda biex jinghad li uhud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni prezentaw diversi dokumenti waqt id-deposizzjoni taghhom. Hafna minn dawn id-dokumenti, fil-maggoranza atti gudizzjarji, huma fotokopja mhux awtentikata u lanqas konfermata b'gurament mir-Registratur tal-Qorti.
Illi ai termini ta'l-artikolu 636 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (rez applikabbli ghall-proceduri penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(e) tal-Kodici Kriminali) kopja ta' att gudizzjarju titqies bhala awtentikata u konsegwentement tista' tingieb bhala prova *jekk maghmula fil-forma li trid il-Ligi mill-ufficcjal li ghandu huwa merfugh l-original.*

Illi huwa principju ben stabbilit li fil-kamp penali l-prosekuzzjoni hija obbligata tressaq l-ahjar prova. B'applikazzjoni ta' dan il-principju u tad-disposizzjonijiet tal-Ligi hawn fuq kwotati, kull dokument, mhux fil-forma originali, irid ikun awtentikat minn persuna kompetenti, altrimenti ma jissodisfax il-kriterju ta'l-ahjar prova.

Illi dan il-principju huwa ben assodat fil-gurisprudenza taghha. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Concetta Charles (27.7.2012) il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, skartat fotokopji bhala prova ghaliex mhux awtentikati; dik il-Qorti qalet hekk:

*Ma hemmx dubju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill-appellanta, ghal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistghux jigu accettati bhala prova minn din il-Qorti.*

12. Illi ghalhekk l-appellant ghandu ragun f'dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' prova tal-ezistenza tal-ordni taht l-artikolu 412C u 383 tal-Kapitolu 9;

13. Ghal dawn il-motivi, mhix qed issib lill-appellant hati tar-raba' imputazzjoni, dik li naqas li josserva xi wahda jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti bl-artikoli 412C u 383 tal-Kodici Kriminali u qed tilliberah minnha. Ghal kull buon fini qed tikkonferma il-liberazzjoni tal-appellant mill-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni.